MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.<br>JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 985/2000/1

**Vs**

**Joseph Mizzi**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u sitt liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmi (Lm606.26) bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-3 ta' Novembru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm606.26,0 bl-imghax legali mis-27 ta' Lulju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------